MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 305/2005

**Go p.l.c. (C-22334)**

**vs**

**Schembri Infrastructures Limited
gia` General Road Security Limited (C-17388)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lis-socjeta` konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u hdax-il Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM3,511.79,0), rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' hsarat fuq "*cables*" quddiem l-entratura l-Isptar Mater Dei fis-27 ta' Lulju tas-sena 2004,

skond *invoice* mibghuta numru 16880, (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok A) (GT3/04/33);

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta` General Road Services Limited eccepiet is-segwenti:

1. Preliminarjament illi s-socjeta` General Road Services Limited m'ghadhiex jisimha hekk izda bidlet isimha biex dan gie jinqara Schembri Infrastructure Limited u ghaldaqstant jinhtieg li ssir il-korrezzjoni relattiva;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante li ghad-danni allegatament minnhom sofferti s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda htija;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat is-17 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu talbet li isem is-socjeta` konvenuta jinbidel u jaqra Schembri Infrastructures Limited gia` General Road Servicing Limited (C-17388);

Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2005, li permezz tieghu laqghet it-talba fuq indikata u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti t'osservazzjonijiet tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti esposti f'din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici soffriet danni fil-"*cables*" tat-telefon u li hi kienet installat fit-triq ta' l-Universita` ta' Malta, quddiem l-isptar Mater Dei;

2. Illi d-danni riskontrati kienu jammontaw ghas-somma indikata mis-socjeta` attrici fl-avviz minnha promoss, u kif elenkat dettaljatament a fol 28, u kienu gew ikkagunati mis-socjeta` konvenuta f'Lulju tas-sena 2004;

3. Illi dawn il-hsarat riskontrati setghu gew facilment evitati stante li l-*"cables"* danneggjati kienu gew regolarment mmarkati mill-"*overseer"* tas-socjeta` attrici, (ara fol 25 u 30);

Ikkunsidrat:

Illi l-hsara in dizamina kienet rizultat ta' thaffir li kien qed isir fl-area ta' l-isptar Mater Dei meta b'magna li kienet qed tigi uzata minn haddiema tas-socjeta` konvenuta biex ihaffru t-triq de quo, qatghu xi "*cables"* tat-telefon;

Ikkunsidrat:

Illi skond ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jirrizula li hadet il-prekawzjonijiet dovuti meta giet biex thaffer it-triq;

Illi minn qabel baghtet ghall-rapprezentant tas-socjeta` attrici biex jigi ndikat lilha fejn din kellha l-"*cables"* biex tigi evitata l-hsara;

Illi anke l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jikkonferma li mpjegat tas-socjeta` attrici mmarka fejn din kellha l-*"cables"* taghha;

Illi pero` meta bidet titqatta` t-trinka biex isiru x-xogholijiet necessarji instab li l-marki kienu inadegwati u saret il-hsara riskontrata;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizutla bhala ipotesi l-aktar probabbli u ghalhekk valida fil-ligi, li l-impjegat tas-socjeta` konvenuta u l-istess socjeta` kif qabel kienet maghrufa, kienu ferm prudenti fl-attwazzjoni tax-xogholijiet li kellhom jezegwixxu u dan ghaliex:

1. Infurmaw lis-socjeta` attrici li kienu qed jezegwixxu x-xogholijiet de quo;

2. Hafna qabel ma ezegwew ix-xoghol de quo kienu gabu lill-istess socjeta` attrici biex tramite l-impjegati esperti taghha jindikaw lis-socjeta` konvenuta fejn huma ghandhom il-*“cables”* taghhom mirdumin;

3. Taw zmien bizzejjed qabel ma bdew l-esekuzzjoni tax-xogholijiet minnha ezegwiti biex jekk ikun hemm xi ripensament, is-socjeta` attrici jkollha zmien bizzejjed biex tinfurmaha;

4. Illi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta dejjem qadet ghall-istruzzjonijiet lilha mghotija mis-socjeta` attrici;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-esekuzzjoni tax-xogholijiet da parte tas-socjeta` konvenuta kien wiehed mhux biss prudenti izda, addirittura, dejjem istruwit mid-direzzjoni lilha moghtija mill-istess socjeta` attrici;

Illi ghalhekk jekk xi responsabbilita` ghandha tkun imputata, din m’ghandhiex tkun akkollata fuq is-socjeta` konvenuta stante li jidher fuq bazi ta’ probabbilita` accettata mil-ligi li hi dejjem ezegwiet l-istruzzjonijiet lilha moghtija mill-istess socjeta` attrici b’diligenza;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------